# IX-XORTI TA' BERTOLDU F'MALTA

Il-Malti jgħid: "L-ibleh jagħti gost u l-għaref igawdih". Issa fid-dinja hawn min hu ibleh tassew – u 'l dan tgħidlu "miskin" – u hawn min jilgħabha ta' l-ibleh. Nies li jagħmluha ta' l-ibleh u ma jkunu boloh xejn kien hawn minn dejjem, u kullimkien; u fl-istorja nsibu li bħal dawn kienu jidħlu fl-aqwa palazzi, joqogħdu madwar l-akbar slaten li jżommuhom biex jedhuhom biċ-ċajt li jgħidu u bil-praspar li jagħmlu.

Il-poplu kullimkien iħobb ifakkar, u jiftakar f'nies li moħħhom jilħqilhom, ta' spirtu pront, li l-għawġ jixtruh bħall-ħobż imma li qatt ma jinfixlu biex jagħtu risposta f'waqtha, li dejjem joħorġu b'wiċċ il-ġid minn kull basla li jidħlu fiha. Donnhom dawn in-nies jakkwistaw personalità li mas-snin tikber u tiżżejjen fl-immaġinazzjoni ta' ġenerazzjoni wara l-oħra, u saħansitra tasal biex issir ħaġa waħda mal-karattru tal-poplu stess, li jieħu pjaċir igħaddi 'l uliedu l-istejjer dwar dawn il-persunaġġi stuti, jidhru komiċi, kultant buffi, li ssib minnhom f'kull pajjiż.

L-ewwel karattru li jiġi f'moħħ min qed jaqra huwa żgur il-ħabib tagħna Ġaħan. Imma hawnhekk mhux fuq Ġaħan ser nikteb, iżda fuq sieħbu Bertoldu, li għalkemm m'hux Malti daqs Ġaħan, u ftit huma dawk li jafuh, kultant tisma' min isemmih ukoll.

Tajjeb li qabel xejn naraw kif żviluppat il-figura ta' Bertoldu mil-leġġenda jew ħrafa tal-għaref Salamun. Fil-kitba ta' Josephus,.kittieb Lhudi, kif ukoll fit-*Talmud*, hemm ħafna tagħrif dwar is-seħer li kien jaf jagħmel Salamun. Biss, Salamun ma jeħodhiex ma' wieħed buffu, iżda ma' bniedem għaref rival tiegħu, jonkella ma' xi kreatura sopra-naturali – il-prinċep tax-xjaten. Mil-Lvant fejn twieldet, il-leġġenda tbiegħdet u waslet fil-pajjiżi tal-Punent, u bejn is-sekli V u VI l-istorja xterdet fl-Ewropa u ssawret, l-iżjed fil-kitba ta' l-Anglo-Sassoni, f'għamla ta' djalogu jew diskussjoni bejn żewġ għorrief – Salamun u Saturnu – fuq suġġetti bibliċi u xjentifiċi. Hawnhekk ukoll beda jissemma Markolfu, persunaġġ jew karattru li jħabbatha fil-wisa' ma' Salamun għall-għerf; sakemm fis-seklu XII imbagħad saret bħal bidla, mibdija aktarx fil-Ġermanja, li b'riħitha Markolfu beda jidher f'sura ta' buffu mhux komuni, buffu li għandu sens u intellett kbir, jirrappreżenta s-sens komun kontra t-teorija u l-idealiżmu, u mxaqleb aktarx favur il-poplu ż-żgħir kontra l-klassi għolja ta' did-dinja.[1] Sas-

1. WELSFORD, Enid, *The Fool: his social and literary history*. London, Faber and Faber, 1935, pp. 37 – 39.

seklu XV, sew fl-Ingilterra kif ukoll fi Franza, Markolfu sar, biex ngħidu hekk, il-buffu per eċċellenza, u ma baqagħlu l-ebda ħjiel jew rabta mal-għerf li bih kien imżejjen fil-bidu. Mitt sena wara, f'dawn l-istess żewġ pajjiżi, isem Markolfu kien intesa għal kollox, u n-nies baqgħu jiftakru biss il-figura u l-praspar ta' wieħed buffu madwar it-tron ta' l-għaref Salamun, li ħadd ma seta' jkeċċih jew jegħelbu, u lanqas ħadd ma kellu l-ħila joqtlu.[2]

U hekk niġu għat-twelid ta' Bertoldu. Fil-bidu tas-seklu XVI l-istorja ta' Markolfu kien għadhom jafuha ġo Venezja; imbagħad sa tmiem is-seklu Giulio Cesare della Croce (1550 – 1609), poeta popolari ta' dik il-ħabta,[3] qabad il-praspar li kienu jgħidu fuq dan il-persunaġġ, għaqqad magħhom oħrajn li kienu mexxejja u għamilhom tiegħu, u fi ktieb li ħareġ miktub proża *Astuzie Sottilissime di Bertoldo* rabathom ma' l-isem ta' wieħed Bertoldo – figura li forsi kienet diġà teżisti u li huwa qala' minn xi mkien f'pajjiżu.[4] Hekk Bertoldu jitfaċċa bħala bidwi jew kampanjol, ikreh ibeżżgħek, li jasal fil-palazz ta' Alboino, re tal-Longobardi, jaqbad jiddiskuti mar-re, inioggeż bi kliemu lir-Reġina li ssir tobogħdu mħabba f'hekk, u jagħmel bosta praspar oħra li trid taqrahom biex tkun taf sa fejn kien jasal.

Fost ħwejjeġ oħra, Bertoldu kellu wisq kontra n-nisa. Meta darba r-Re kien imħasseb għax in-nisa kienu qegħdin ixewxu biex jieħdu l-vot, Bertoldu qallu: "Tikkonfondi xejn!" U bil-parir tiegħu r-Re lin-nisa li riedu l-vot tahom kaxxa żgħira ta' l-injam u wegħidhom li jilqa' t-talba tagħhom kemm-il darba meta jiltaqa' l-Kunsill huma jidhru quddiemu u jġibu magħhom il-kaxxa mingħajr ma jkun naqas xejn minn ġo fiha. Iżda l-kurżità għelbithom 'il dawn in-nisa. Fetħu l-kaxxa, u għasfur li kien fiha, tar! U billi kisru l-kuntratt baqgħu ma ħadu xejn.

Il-persunaġġ il-ġdid, Bertoldu, intgħoġob ħafna. U ma damx ma

2. *Ibid.*, p. 40.
3. Għal kumment siewi dwar Giulio Cesare Croce bħala interpretu ta' ruħ il-poplu ara x'igħid A. BELLONI fil-kapitlu "La Poesia del ridere" tal-volum *Il Seicento* fis-sensiela "Storia Letteraria d'Italia" (Milano, Vallardi, 1929, p. 329): ". . . *Il dialetto bolognese aveva avuto fra il 1588 e il 1609 un poeta di vena in Giulio Cesare Croce, fedele e vivace interprete dell'anima popolare, negli scritti del quale possiamo cogliere gli atti e gli spiriti della piccola vita quotidiana, le miserie morali del popolino, la sua smania del pettegolezzo, la sua scapigliata futilità, la sua indolenza, e farci un'idea delle piazze, dei mercati, dei crocchi, delle conversazioni, dei traffichi, dei trattenimenti, delle feste nelle varie epoche dell'anno*".
4. WELSFORD, Enid, *op. cit.*, p. 40. F'nota dwar Gonella (p. 336), il-protagonista ta' erba' verżjonijiet ta' *Le Buffonnerie del Gonnella*, tnejn miktubin f'versi u tnejn proża, u maħruġin f'dati differenti, i.e. wieħed f'Bologna fl-1506, tnejn oħra f'Firenze fl-1565 u fl-1585, u l-aħħar wieħed f'Venezia fl-1609, Welsford tikteb hekk: "*In the sixteenth century Giulio Cesare della Croce combined the Gonella stories with the Marcolf stories and attributed them both to Bertoldo, apparently a purely imaginary figure.*"

daħal fix-xena *Bertoldino*, ibnu, bħala kontinwazzjoni tal-ktieb. Iżdas dan ma ħariġx tajjeb daqs l-ewwel ktieb ta' Bertoldu. Imbagħad wara żmien xi ħadd ieħor, Adriano Banchieri, ħoloq karattru ieħor *Cacasenno*, iben Bertoldino, u dawn it-tlieta flimkien ħarġu fi ktieb wieħed kemm-il darba, u nqalbu wkoll bosta drabi bil-Franċiż.[5] Sas-seklu XVIII jew XIX Bertoldu laħaq ukoll wieħed mill-karattri komiċi li jidhru dejjem fil-"Commedia dell'Arte" Taljana, bħal għamla ta' kummiedja li kienet popolari wisq fl-Ewropa.[6]

U mill-"Commedia dell'Arte" isem Bertoldu sab ruħu f'Malta permezz tal-ġurnaliżmu. Wara li fl-1839 bdiet isseħħ il-liġi ta' l-istampa, ħafna mill-ġurnali Maltin ħadu l-isem tagħhom mill-karattri tal-"Commedia dell'Arte" jew minn oħrajn ta' l-istess xeħta. Hekk insibu ġurnali bħal *The Harlequin* fl-1838, *Pasquino e Marforio* fl-1839, *The Clown* fl-istess sena, *Il Figaretto* fl-1844, *Stenterello*, *Pulcinella* u *Serpinella* fl-1845, *Fiammetta* fl-1845, *Pierotto* fl-1852 u *Don Frustino* fl-1858.

Wieħed minn ta' l-ewwel fost il-ġurnali bil-Malti kien jismu *Bertoldu*. Fi żmien 77 sena bejn l-1839 u l-1916 dehru tmien ġurnali b'isem Bertoldu jew ibnu Bertoldinu, kif jidher minn din il-lista:

**1839** – *Bertoldu*. Bil-Malti. Wara l-isem, kien iġib il-motto: "Kull min żebagħ wiċċu sar ħaddied". Ħareġ numru wieħed biss. Kien ħarġu l-qassis u latinista Dr. Giuseppe Zammit, magħruf bil-laqam ta' "Brighella", mill-isem tal-ġurnal li kien joħroġ bit-Taljan fl-istess żmien (Nov. 1838 – Ottubru 1839).

**1847(?)** – *Baron Bertoldo Acconcia-Mondo*. Bit-Taljan, aktarx miktub ukoll minn Dr. Giuseppe Zammit.

**1853** – *Bertoldo*. Bit-Taljan. Beda joħroġ fl-1 ta' Ġunju 1853. Minnu ħarġu tnax-il numru.

---

5. TORRACA, Francesco, *Manuale della letteratura italiana* . . . , Vol. II, Secolo XVI, 8a ed., Firenze, Sansoni, 1926, p. 413. Nisiltu dil-biċċa mill-kumment ta' Torraca: ". . . *Popolarissimi furono e sono tuttora i suoi libretti in prosa* Astuzie sottilissime di Bertoldo – *nel quale ringiovanì, modificandolo un antico racconto di origine orientale, assai diffuso nel Medio Evo col titolo di* Salomon et Marcolphus colluctores, *o con altri* – *e le* Piacevoli e ridicole semplicità di Bertoldino figliuolo dell'astuto e accorto Bertoldo con le sottili ed argute risposte della Margolfa sua madre e moglie di detto Bertoldo – *ai quali Adriano Banchieri bolognese (1567–1634) aggiunse le* Scempiaggini e buffonate di Casasenno figlio del semplice Bertoldino." Fit-tielet volum tal-*Grande Dizionario Enciclopedico a cura del Prof. Giovanni Trucco* (Torino, UTET, 1934, p. 1055) hemm ukoll dan il-ġudizzju fuq it-tliet kotba: ". . . *Ma dei tre, solo il Bertoldo è veramente geniale, e per questo è divenuto popolarissmo ed è tuttora lettura gradita del popolo. Nel sec. 18° una brigata di letterati buontemponi si prese la briga di verseggiare il Bertoldo in ottava rima, in 20 canti, composti uno da ciascun membro della brigata; il poemetto fu stampato dal Della Volpe nel 1736 con pregevoli tavole incise da G.M. Crespi, detto* Lo Spagnuolo. *Ma come opera letteraria questa non ha il valore di spontaneità dell'opera originale*".
6. WELSFORD, Enid, *op. cit.* p. 40.



BERTOLDU

BIL

MALTI

MALTA
Stampat ghand Paolo Bonello
St. Ursola 128. u Strada Vescovo 122.
1863.

*Il-frontispizju tal-ktieb **Bertoldu bil-Malti** miġjub għall-Malti minn G.N.L. (x'aktarx Letard) u stampat hawn Malta fl-1863.*

**1861** – *Bertoldu – foljett buffu serju kritiku satiriku politiku liberali.* Bil-Malti, kultant b'xi artikli wkòll bit-Taljan. Kien jidher tliet darbiet fix-xahar. Dam joħroġ mis-17 ta' Awissu, 1861 sal-1 ta' Marzu, 1862. Mill-istil tiegħu aktarx kien miktub ukoll mill-istess Dun Giuseppe Zammit.

**1883** – *Bertoldu.* Bil-Malti. Bħal dak ta' l-1839 kien iġib il-motto: "Kull min żebagħ wiċċu sar ħaddied". F'*L'Amico del Popolo* Nru. 408 tal-5 ta' Jannar, 1883 jissemma li l-ġurnal kien miktub minn Giuseppe Mangion, P.L., li kien ukoll il-kittieb tal-*Corriere Mercantile di Malta.*

**1896** – *Bertoldu – ġurnalett umoristiku u filodrammatiku.* Bil-Malti. Direttur tiegħu kien Alfredo Attard. Ħarġu tliet numri biss, l-ewwel wieħed fit-8 ta' Diċembru, 1896. Jissemma li beda joħroġ fin-Nru 14 ta' *Il-Figaro.*

**1916** – *Bertoldu – missier "Ġaħan l-Iswed".* Bil-Malti. Direttur tiegħu kien G. Camilleri. Dehru tliet numri f'Novembru.

– *Bertoldinu – student tal-liġi u l-mediċina – fuljett żufjettuż u varju.* Beda joħroġ fl-istess xahar ta' Novembru, 1916, kien jeħodha kontra *Bertoldu – missier "Ġaħan l-Iswed".* Direttur tiegħu kien Guglielmo Arena. Dehru żewġ numri.[7]

Ninnutaw (i) li Dun Giuseppe Zammit "Brighella" kien il-bniedem li daħħal l-isem ta' Bertoldu f'Malta, (ii) li l-ġurnali kollha msemmija fil-lista kellhom ħajja qasira ta' ftit numri, u (iii) li l-ħruġ tagħhom kien imnebbah fil-biċċa l-kbira minn sens ta' rivalità ma' ġurnali oħrajn li kienu joħorġu fl-istess żmien magħhom. Fil-25 ta' Jannar, 1839 Zammit kiteb x'ġagħlu joħroġ il-folju jew "werqa", kif sejjaħ lil *Bertoldu* tiegħu: ". . . infissru kif inħolqot din il-biċċa ta' werqa . . . Bertoldu mmela, li kulħadd jafu, għaliex huwa msemmi fuq il-wiċċ ta' l-art kollha, bħalma huwa Ciċerun, jinsab dejjem fl-ilsien ta' kulħadd, u . . . wara li sama' tant agħjat u frattarija f'hedin il-Gżira ta' Malta, wara li ra l-*Portafolju* u l-*Mediterraneo* jitgħajru bħala żewġ ċrieċer, u sama' jiġġieldu lil *Arlekkin* u lil *Brighella* . . . ġietu xewqa li jibda jikteb huwa wkoll xi ħaġa, u jċappas u jħammeġ il-karti bojod bħalma jagħmlu tant oħrajn, li huma,*Ġaħniet* u ħmir. 'Ma din ix-xewqa allura kibret l-iżjed u xegħlet fih meta ġietu f'idejh il-*Kawlata Maltija*, għad

7. It-tagħrif dwar *Bertoldu* ta' l-1853, ta' l-1883 u ta' l-1896 huwa meħud min-notamenti dwar l-istorja tal-ġurnali li kont akkwistajt, snin ilu, minn għand Ġużè Gatt, espert fil-qasam tal-"Melitensia". *Baron Bertoldo Acconcia-Mondo* huwa mniżżel mal-ġurnali ta' Malta (Nru. 76) fl-istudju ta' Bianca FIORENTINI, "Il Giornalismo a Malta durante il Risorgimento Italiano" fil-ktieb *Echi del Risorgimento a Malta* maħruġ f'Malta mis-Soċjetà "Dante Alighieri" fl-1963. L-erba' l-oħra rajthom fil-Bibljoteka Nazzjonali u jġibu n-Nri. 80 – 84 f'*A Checklist of Maltese Periodicals and Newspapers in the National Library of Malta (formerly Royal Malta Library) and the University of Malta Library*, ta' Anthony F. SAPIENZA, stampat fil-Malta University Press fl-1977.




*Il-Logo tal-"fuljett żufjettuż u varju" li beda jidher fl-1916 taħt id-direzzjoni ta' Guglielmo Arena. Minnu dehru biss żewġ numri.*

li kif ħabat iduqha marlu l-aptit kollu, għaliex xejn ma ġietu tajba u bnina . . ." [8] Hekk ukoll, min jaqra l-fuljett *Bertoldu* ta' l-1861 isib li Zammit kien jeħodha l-iżjed kontra Carmelo Camilleri, li kien joħroġ in-*Nafras u Colombu*. U l-istess fl-1916, meta Guglielmo Arena bil-*Bertoldinu* ħadha kontra G. Camilleri li kien joħroġ sew il-*Bertoldu missier 'Ġaħan l-Iswed'* u l-*'Ġaħan l-Iswed'*.

Iżda Bertoldu mhux fil-ġurnaliżmu biss sab xi ftit xorti hawn Malta. Fl-1863 ħareġ ktieb jismu *Bertoldu bil-Malti*, maqlub mit-Taljan u stampat għand l-Aħwa Bonello, il-Belt – ktieb li kitbu G.N.L. li aktarx kien G. N. Letard, awtur ta' xi kotba tat-tagħlim ta' l-ilsna u tal-konversazzjoni bil-Malti, Ingliż u Taljan. F'*Lil Min Jaqra* t-traduttur ifisser x'kien li ħajru joħroġ l-istorja ta' Bertoldu bil-Malti: "Bosta ħbieb tagħna ilhom igħidulna li jixtiequ jkollhom xi ktieb il-qari Malti għall-mogħdija taż-żmien, għax billi din ir-razza ta' kotba, barra minn xi tnejn jew tlieta, hija kollha miktuba bit-Taljan, u wħud minn ħbiebna jifhmuh ftit, u oħrajn xejn, għalhekk tħajjarna dan il-ktieb mit-Taljan inġibuh bil-Malti, sabiex kull min jaqrah ikun jista' jifhmu.

"Imma qabel xejn irridu ngħidu lil min jaqrah li m'għandux jistenna li sejjer isib xi ktieb ta' mirakuli, ta' egħġubijiet jew ta' xi sħarijiet! Għax dal-ktieb mehux (*sic*) ħlief fuq raġel tar-raħal, ikreh iva, imma stuż u fin, li għall-gustusizzi u l-għaqal tiegħu ġie miżmum f'palazz ta' Re, u mbagħad sar Kunsillier tiegħu."

8. Ara l-ewwel ħarġa ta' *Bertoldu*, bid-data tal-25 ta' Jannar, 1839.
9. Ħareġ b'85 paġna mit-Tipografia "San Paolo", 53, Strada Santa Lucia, Valletta. Hemm kopja fil-Bibljoteka Nazzjonali, immarkata Bf.a.48.




*Illustrazzjoni mill-ewwel ktieb li ħareġ Malta ta'* ***Bertoldu bil-Malti,*** *fl-1863.*

Dan il-ktieb reġa' ħareġ fl-1926.[9] L-ewwel edizzjoni ta' l-1863 ma tinsabx fil-Bibljoteka Nazzjonali, u lanqas qatt ma ġiet f'idejja qabel ftit snin ilu, meta l-ħabib u kollega tiegħi Charles Micallef, tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, tani l-ktieb biex naqrah u bih stajt indomm l-aħħar ħolqa tat-tagħrif li qed jidher f'din il-kitba.

Biex nuru liema praspar kien jagħmel Bertoldu, nisiltu xi bċejjeċ mill-ktieb. Imma qabel xejn naqraw xi bniedem kien dan Bertoldu, u għaliex kien idaħħak lin-nies kulfejn kien jidher: ''Kien dan Bertoldu raġel qasir, rasu kbira u mdawra bħal boċċa, ġbinu mkemmex, għajnejh ħomor, bħan-nar, ħuġbejh twal u ħorox bħal-lanżit tal-majjal, widnejh ta' ħmar, ħalqu kbir u ftit imgħawweġ, b'xofftu ta' taħt imdendla bħal taż-żiemel, il-leħja ffullata taħt ilħitu, u mdendla bħal tal-bodbod, imnieħru mgħawweġ 'il fuq bi mnifsejn wiesgħa: is-snien 'il barra bħal ċingjal (ħanżir salvaġġ) bi tlieta jew erba' balal taħt gerżumtu, li huwa u jitkellem kienu jkunu donnhom ħafna nħajjes jagħlu. Kellu saqajh bħal tal-mogħża, riġlejh twal u wesgħin, u ġismu kollu msewwef . . .''[10]

Semmejna l-biċċa tan-nisa li għelbithom il-kurżità, fetħu l-kaxxa li kien tahom ir-Re, u tar l-għasfur ta' ġo fiha. Malli r-Reġina semgħet x'kien ġara, marret għand ir-Re b'dawk in-nisa magħha, madwar tliet mija, kollha rashom baxxa u mistħija. Fissritlu li huma wisq muġugħa għal dak li ġralhom u talbitu jaħfrilhom din il-ħtija, li kienu għamluha mhux għax ma ridux jobduh imma biss għall-kurżità. U r-Re qallhom li jaħfrilhom, imma widdibhom biex imorru jduru dawra ma' djarhom u jħallihom minn ħwejjeġ oħra – u jħallu t-tmexxija tal-belt f'idejn l-irġiel.

Ir-Re kemm-il darba lmenta li Bertoldu kien imur quddiemu u la jneħħi l-kappell u lanqas jagħmillu ebda att ta' qima. Allura ġagħlhom ibaxxulu l-bieb tas-sala biex min ikun irid jidħol ħdejh bilfors kien ikollu jitbaxxa. Madankollu Bertoldu baqa' ma għamilx riverenza għax daħal fis-sala jimxi lura baxx, dahru lejn ir-Re, li għalkemm għoġbitu din il-finizza, għamel tabirruħu nkorla u ried jaf min għallmu jidħol fis-sala b'dak il-mod. U bi tweġiba Bertoldu rrakkuntalu ħrafa li kien semagħha minn għand missieru u li tfisser għaliex il-granċ jimxi laġenba u l-gamblu jimxi b'lura.

''Kien igħid missieri li meta l-bhejjem kienu jitkellmu, u l-kokok kienu jfittxu l-kpapet, il-gamblu u l-granċ ħbieb tal-qalb għamlu f'moħħhom iduru d-dinja u jaraw kif igħixu f'pajjiżi oħra. Il-gamblu f'dak iż-żmien kien jaqbeż 'il quddiem, mhux bħal issa; u hekk ukoll il-granċ ma kienx jimxi minn tarf għal ieħor bħalma jagħmel issa. Iva, dawn immela siefru biex iduru mad-dinja u l-ewwel marru fil-pajjiż tal-ġrad; imbagħad għaddew f'tal-gremxul, li kien jinfed ma' tal-friefet, u hekk raw bosta drawwiet ta' dawk l-annimali. Fl-aħħarnett

10. *Bertoldu bil-Malti*, 1863, p. 3.

waslu fil-pajjiż tal-fniek għall-ħabta ta' filgħaxija. U billi bejn il-fniek u l-ballottri kien hemm gwerra, malli dawna waslu hemm, inqabdu mill-għases, li rabtuhom u ħaduhom quddiem il-kaptan, li wara li tant staqsiehom . . . ordna li jħolluhom u billi ra li kellhom ħafna saqajn għoġbuh, għaddielhom ir-rang u għamilhom suldati. L-għada l-kaptan bagħat lill-gamblu biex jara x'kienu qegħdin jagħmlu fil-kamp ta' l-egħdewwa tagħhom, u bagħat lilu bħal wieħed ġdid f'dak il-pajjiż; u billi kien jimxi bis-skiet u spiss jitgħatta b'denbu, u bilkemm kien ikun jista' jintgħaraf. Dana mmela kellu l-ħila jidħol fil-kamp ta' l-egħdewwa, fejn sab il-għases reqdin, u daħal 'il ġewwa sakemm mar sal-pavaljun tar-re tal-ballottri, billi huwa ħaseb li kienu reqdin ukoll. Imma l-imsejken fallielu, għax kienu hemm jishru jilagħbu tiġieġa firr, u qasba għalxiex isservi, u hekk malli rawh idaħħal rasu, wieħed mis-suldati ħa stanga ta' wara l-bieb bla ma l-gamblu nduna u lagħablu daqqa bla ħniena, illi huwa storda u kien donn mejjet . . . "Meta l-gamblu ġie f'sensih, billi seta' bilkemm jarfa' rasu għad-daqqa li qala', ħalef li ma kellu qatt iżjed jidħol b'rasu 'l quddiem fl-ebda lok, 'ma illi jaqbeż u jimxi lura, sabiex jekk qatt jaqla' xi daqqa jaqlagħha aħjar fuq dahru nkella fuq rasu. Meta raġa' mar fil-kamp tal-fniek, qalilhom dak li kien ġara, li kien sab il-għases reqdin, u li ġewwa l-pavaljun kienu jishru. U hekk il-kap tagħhom ġagħal lis-suldati jarmaw ruħhom, u marru jassaltaw 'il-ballottri, daħlu ġewwa l-pavaljun, qatlu kemm ballottri sabu u hekk tħallsu tad-daqqa li kien qala' l-gamblu, li biex ma jerġax jiġrilu bħalma ġralu qal lill-granċ: "Ejja mmorru minn hawn għax ma niswewx għall-gwerra." Imma kif naħarbu?" qal il-granċ, "li ma jidhirx 'il fejn morna?". "Inti", qal il-qamblu, "timxi minn ġenb għall-ieħor, u mhux dritt, u jiena nimxi wiċċi lura," Għoġbu lill-granċ dak li l-gamblu qal, u dikment qam fuq il-ponot ta' saqajh, u beda jimxi minn ġenb għal ieħor jagħmel huwa u miexi ħafna żigiżajgi, u beda tant igħaġġel li bilkemm il-gamblu sata' jilħaq miegħu. Ħarbu mill-kamp mingħajr ħadd ma sata' jikxef lil fejn marru bil-mod stramb li mxew, u meta waslu f'darhom imħabba l-perikli li għaddew ħallew fit-testment li l-imnisslin minnhom kellhom dejjem ikomplu jimxu bħalhom, kif għadhom sa llum il-ġurnata, il-gamblu jaqbeż lura, u l-granċ jimxi mgħawweġ. U kif il-gamblu għax daħħal l-ewwel rasu ġewwa l-pavaljun qala' daqqa fuqha, jien li ftakart din il-ħaġa, jiena u dieħel fis-sala tiegħek, dħalt lura, għax aħjar naqla' daqqa fuq dahri minn fuq rasi."[11]

Wara din, ir-Reġina, riedet tneħħilu ħajtu lil Bertoldu, u għal-kemm dan bil-ħażen ta' moħħu rnexxielu jeħlisha għal darba darbtejn tlieta, fl-aħħar qabduh, rabtuh u qegħduh ġo xkora. B'danakollu rnexxielu joħroġ mix-xkora billi webbel lill-iżbirr li kien għassa miegħu

11. *Ibid.*, pp. 56–60. Safejn jidher, il-logħbiet *tiġieġa firr* u *qasba għalxiex*, imsemmijin f'din is-silta, m'għandhomx magħrufa llum.

biex jidħol floku ġo fiha u jistenna sakemm iġibulu x-xebba sabiħa u sinjura u jżewġuhielu minfloku, għax huwa, Bertoldu, ma riedx jiżżewwiġha:

"Malli Bertoldu qiegħed lill-iżbirr ġo l-ixkola, ħareġ minn ħdejh biex jitbiegħed mit-tgerfixa li kienet ġejja. Imma biex joħroġ barra kellu bżonn igħaddi mill-kamra tar-rqad tar-Reġina, u ħa waħda mil-lbiesi tagħha, libisha, u hekk liebes ta' mara, għadda mill-kmamar kollha fejn kienu qegħdin jorqdu d-dami tar-Reġina, ħa l-qatta ta' l-imfietaħ minn ras il-governanti, fetaħ il-bwieb kollha u ħareġ mill-palazz. Dak il-lejl kien niżel ħafna silġ, u billi baża' li jindunaw lil fejn mar, libes iż-żarbun il-wiċċ lura u l-għarqub 'il quddiem, u hekk minflok li kien jidher li huwa ħareġ kien donnu daħal. Beda jimxi 'l hawn u 'l hinn mingħajr ma kien jaf fejn kien sejjer, fl-aħħar wasal ħdejn forn barra l-bwieb u dħal ġo fih . . ."[12]

L-għada r-Reġina mkurlat wisq meta saret taf kif reġa' daħak bihom, u lill-iżbirr sawtuh u xeħtuh fix-xmara. Saflaħħar lil Bertoldu sabuh moħbi ġewwa l-forn. Ir-Re ikkundannah għall-mewt, iżda tah il-grazzja li talbu, li ma jgħallquhx qabel ma jsib siġra li togħġbu u hekk imut kuntent. "Ir-Re ma fehemx x'ried igħid Bertoldu. U hekk il-ministri ħaduh f'bosk mimli b'kull xorta ta' siġar, imma billi ma sabx siġra li togħġbu ħaduh f'ħafna boskijiet ta' l-Italja, u billi anqas hekk ma setgħu jsibu siġra li togħġbu għalhekk infuskaw. U hekk wara vjaġġ tant twil, u wara li għarfu l-malizzja tiegħu, ħallewlu idejh, u bagħtuh . . .[13]

Meta r-Re ikkalma u għaddielu, bagħat igħid lil Bertoldu li kien nesa kollox u ħafirlu, għalhekk hu jista' jarġa' jmur fil-palazz tiegħu. Għall-ewwel Bertoldu ma riedx, imma meta r-Re mar huwa stess u talbu, ma qalx le u mar. Ir-Re ġagħal lir-Reġina taħfirlu wkoll, "u ried li joqgħod dejjem ħdejh, u ma kienx jagħmel ħaġa mingħajr ma jieħu l-parir tiegħu u hekk sakemm baqa' ħaj kollox kien sejjer dejjem għall-aħjar. Imma billi kien imdorri jiekol ikel tar-raħal u frottijiet selvaġġi, meta beda jiekol mill-ikel tajjeb tar-Re, Bertoldu marad ferm, u miet"[14]

Qabel mewtu, Bertoldu qal ħafna kliem li għandu ħafna mill-għerf tal-proverbji, bħal dawn li ser nagħżlu bħala eżempji: (a) Min hu mdorri fil-għalqa, ma jmurx fil-Palazz; (b) Min kuljum jilbes libsa ġdida, dejjem għandu x'igħid mal-ħajjât; (c) Min isawwat lil martu, jagħti x'igħidu lill-ġirien; (d) Min jonfoq bil-qjies, ma jsir qatt tallab; (e) Min jieħu 'l-mara għall-ġid tagħha, ftit idum igħammar magħha; (f) Min jagħti l-ħobż lill-klieb ta' ħaddieħor, bosta drabi tiegħu jinbħu għalih; (ġ) Min jiekol kif irid ħaddieħor, ma jikolx ħwejjeġ li

12. *Ibid.*, p. 83.
13. *Ibid.*, p. 93.
14. *Ibid.*, p. 94.

jsemmnuh; (ħ) Min mhux tajjeb miegħu nnifsu, ma jistax ikun ma' l-oħrajn.[15]

B'ordni tar-Re dan il-kliem ġie magħmul tad-deheb u mqiegħed fuq il-bieb tas-sala biex kulħadd ikun jista' jarah. Sadattant wara mewtu, instab it-testment ta' Bertoldu, taħt l-imħadda. Ir-Re bagħat għan-nutar li kitbu biex jaqrah quddiemu, u quddiem ħafna sinjuri u sefturi. Fih kien hemm xi kundizzjonijiet għal meta ibnu, Bertoldinu, jagħlaq il-ħamsa u għoxrin sena u jiġi biex jirtu, flimkien ma' xi pariri lir-Re biex dan josservahom "avolja ġejjin minn ħalq bidwi".

Iktar minn kull ħaġa oħra, fir-rakkont ta' Bertoldu tinħass bħal nota ta' satira soċjali; fih naraw jinkixfu n-nuqqasijiet u l-vizzji tal-kbarat u tas-setgħana, waqt li mill-bogħod jinstemgħu ħsejjes ħabbâra ta' l-ispirtu demokratiku li diġà kien qed jiġma' fis-seklu 16. Dan l-effett joħroġ ukoll, fost ħwejjeġ oħra, bis-saħħa ta' motivi li kienu komuni ħafna fin-narrattiva kurrenti f'bosta pajjiżi, sew fil-livell popolari kemm ukoll fl-iskaluni għolja tas-soċjetà – episodji jew inċidenti li Giulio Cesare Croce ħa minn hawn u minn hemm u daħħal fir-rakkont ta' Bertoldu biex jilħaq il-għan tiegħu. U hawn jiġu f'moħħna mill-ewwel, tnejn minn dawn il-motivi – dak ta' l-iżbirr li miegħu Bertoldu bidel postu fl-ikxora, li jfakkarna f'waħda mill-istejjer ta' l-Aħwa Grimm "The Man in the Bag"[16] u l-ieħor fejn Bertoldu libes iż-żarbun bil-wiċċ lura u l-għarqub 'il quddiem, li Voltaire jinqeda bih ukoll fl-istorja *Zadig* fl-1748.

Madankollu, minkejja l-ħidma li semmejna fil-qasam tal-proża u tal-ġurnaliżmu, ikollna ngħidu li bħala rakkont Bertoldu baqa' ma qabadx art fost il-Maltin fil-livell popolari. Il-figura tiegħu, magħrufa fost in-nies ta' l-iskola u diretturi ta' fuljetti umoristiċi u satiriċi, setgħet għoġbot għal dak il-ħin lill-ftit qarrejja li kienu jafu jaqraw imqar bil-Malti, imma mill-bqija ma rabbietx, bħalma rabbiet dik ta' Ġaħan, l-egħruq tagħha fil-fond tar-ruħ ta' niesna. Il-praspar ta' Bertoldu lanqas ma nisslu ebda proverbju jew idjoma bil-Malti, u bħala karattru komiku qajla jitfaċċa xi darba fir-repertorju tat-teatrini tar-rħula u postijiet oħra f'pajjiżna. Min-naħa l-oħra, ismu jibqa' żgur ifakkar il-bidu ta' tip ta' ġurnaliżmu, b'umoriżmu u tingiż goff, kultant vulgari, li baqa' ħaj, qawwi u sħiħ, sa żmienna. Fil-qasam tal-letteratura komika u satirika, il-ħruġ fl-1863 tal-ktieb *Bertoldu bil-Malti*, ukoll jekk mingħajr pretensjonijiet kbar letterarji, iqiegħdu f'post minn ta' quddiem ma' traduzzjonijiet oħra fl-ewwel fażi ta' l-evoluzzjoni storika tal-kitba tal-proża bil-Malti.

**Ġużè Cassar Pullicino**

---

15. *Ibid.*, pp. 96 – 99.
16. Ara *Household Tales by the Brothers Grimm*, London, Dent, 1906, repr. 1920, pp. 137 – 140.